# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sebgħa u tmenin (87) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2011, fis-6.30pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia* | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| SKUŻAT: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti intbagħtu mill-uffiċċju aktar kmieni l-ġimgħa li għaddiet, ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv mingħajr korrezzjonijiet.

**Punti mill-Minuti:**

3. Is-sindku qal illi l-isqaqien ta' Triq il-Fjuri huma lesti kollha mill-kisi mill-ġdid bil-*patterned concrete* kif ukoll dak ta' Sqaq il-Blanzuni. Noel Galea qal illi għada ġej il-kuntrattur sabiex ikomplu u jibda jibni /jħaffer il-*water catchments* li se jferrgħu l-ilma tax-xita fil-*gutter* eżistenti li hemm fit-triq u li jwassal għall-ġiebja ta' taħt it-triq viċin l-iskola.

4. Intant is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat joħroġ *purchase order* ta' €3,000 biex nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru 2011, jibdew ix-xogħlijiet ta' qlugħ u kisi mill-ġdid ta' Sqaq Numru 2, Triq Santa Katerina. Is-sindku qal illi din għandha tintbgħat lill-Kuntrattur *Asfaltar Ltd* li hu ttamat illi jibda fi tmiem il-ġimgħa li ġejja.

5. Dwar il-qlugħ tas-siġar mis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, is-sindku qal illi wara laqgħa li kellu ma' rappreżentanti tal-*Environment Landscapes Consortium Ltd*, irnexxielu illi din l-ispiża jirriduċiha biss għal €600. Ix-xogħol jikkonsisti fil-qlugħ ta' ħarruba u taħwil mill-ġdid tagħha fl-inħawi Ta' Kandja fost l-oħrajn.

6. Dwar il-viżita li se jagħmlu l-Imqabbin lil wirjiet ta' presepji, is-sindku qal li hu assolutament ma jistax jattendi nhar il-21 ta' Diċembru 2011, u għalhekk id-data nbidlet għal ġurnata ta' wara, jiġifieri nhar it-22 ta' Diċembru 2011. Hu qal li mill-informazzjoni li ġabar, dawn il-wirjiet jiftħu mis-16 ta' Diċembru 2011 u jibqgħu sejrin sal-Festa tat-Tre Re.

7. F'dan il-punt kienet diskussa iż-żjara li saret mill-kunsillieri ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, lill-*inmates* tal-Imqabba nhar il-5 ta' Diċembru 2011, fejn is-sindku qal li hu xtaq jattendi iżda ma kienx jiflaħ. Il-kunsillieri li attendew qalu illi din kienet ferm apprezzata minn dawn il-persuni li mhux spiss ikollhom barranin li jridu jarawhom.

8. Għall-*party* tal-Milied tat-tfal li se jsir nhar is-17 ta' Diċembru 2011 taħt is-sala tal-Iskola Primarja, intqal illi se norganizzaw kollox aħna biex niffrankaw il-flus. Infatti s-sindku qal li se jipprova jsib xi *sponsors* minn għand fornituri tal-kunsill. Hu qal li bħala rigali se nixtru kollox minn għand *Omajco Co Ltd*, li bħal kull sena, hu ttamat li jagħtina skont sostanzjali. Intant se naraw jekk jistax jilbes xi ħadd ta' *Father Christmas* bil-kuntatti tad-Deputat Sindku li ssoltu jipprovdina b'persuna apposta. Fil-borża li se nagħtu lit-tfal, hu mistenni li jkun hemm pakkett meraq tal-frott, tuffieħa, ċikkulata u din is-sena se nagħmlu is-*sandwiches* aħna stess. Intant, kien deċiż li bħala *entertainment* ikun hemm il-*magician* li ġie s-sena l-oħra, ikanta Jeremy Buttigieg u fl-istess ħin ikun hemm daqq bis-*synthesizer.*

9. Sa mill-1 ta' Diċembru 2011, inxtagħlet il-Pjazza tal-Knisja permezz tad-dekorazzjonijiet tal-Milied. Se nħaddmu id-dwal tad-dekorazzjoni li twaħħlet mal-faċċata tal-bini tal-kunsill mill-ħaddiema tal-*IPSL*.

10. Dwar il-permess ta' tħaffir mill-kuntrattur *Asfaltar Ltd* għall-Kunsill Lokali tal-Imqabba, is-sindku qal li dan qiegħed jiġi kull darba rifjutat. Is-segretarju eżekuttiv qal li xi minn daqqiet qiegħed ikun hemm informazzjoni ħażina fil-permess li minn naħa tagħhom *Transport Malta* mhux qed jaċċettawh. Se nagħmlu kuntatt mas-Sur Thomas Debono biex naraw x'inhi din ir-raġuni li ma nistgħux nibdew il-kisi mill-ġdid ta' Triq is-Saljatura, Triq iż-Żurrieq, Triq Ħal Kirkop eċċ.

11. Dwar l-offerta tal-ġbir tal-iskart, Noel Galea qal li hu ħa l-veduti ta' avukat ieħor, ċertu Dr Carol Aquilina L-avukat qallu illi l-appellant huwa fl-interess tiegħu li jsegwi l-appell. Dan kellu ċans jagħmlu għal sena sħiħa iżda naqas li jagħmel dan. Intant Noel Galea ċempel lil dan l-avukat minn fuq it-telefon ċellulari u fil-kamra kien hemm *voice conferencing* ma' Dr Carol Aquilina, fejn anke ż-żewġ kunsillieri preżenti staqsew xi mostoqsijiet. Dr Carol Aquilina irriafferma dak li kien għadu kemm qal is-sindku anzi skanta għaliex mhux qed issir pressjoni mill-*bidder* li kien fl-ideja tal-Kunsilli Lokali tal-Imqabba u wkoll dak ta' Ħal Safi, dak li jimmerita dan il-kuntratt, kif mhux qed jiġri warajna biex nagħtuh l-istess kuntratt. Hawn intqal li fil-verità dan qed jagħmel pressjoni informali fuq il-Kunsilli Lokali tal-Imqabba u ta' Ħal Safi, speċjalment issa li aħna informalment infurmati li xtara trakk *Euro IV*. Għad-domanda minn kunsillier jekk is-Sur Ghigo għadx jista' jagħmel mandat ta' inibizzjoni, l-avukat qal illi dan xorta jista' jagħmlu f'kull waqt. Però minkejja li d-dipartiment ma refa' xejn mir-responsabbiltajiet, dan ta indikazzjoni li nistgħu immexxu bl-*awarding* tal-kuntratt peress li kemm il-Bord tal-Appell tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll ir-*Review Board* (*PCRB*) fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, ma taw raġun lill-appellant. Il-kunsillieri preżenti qablu li jimxu fuq il-parir li ngħataw, jiġifieri illi toħroġ l-*awarding letter* lil Joseph Zammit, filwaqt li ninfurmaw ukoll lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għad-domanda tas-segretarju eżekuttiv jekk għandiex tintbgħat ir-*regret letter* lis-Sur Ghigo, is-sindku ssuġġerixxa li m'hemmx għalfejn tintbagħtlu għaliex fil-fatt kienet intbagħtitlu fid-deċiżjoni tal-kunsilli mal-*letter of intent.* Il-kunsillieri qablu li fil-minuti jitniżżel kollox u l-proċeduri kollha kif seħħew f'din il-laqgħa għaliex dawn huma pubbliċi.

12. Dwar il-qagħda fil-librerija pubblika tal-Imqabba, is-segretarju eżekuttiv kien bagħat *e-mail* lis-Sur Joseph Debattista, li bħal issa qed jassumi r-responsabbiltà tad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi, fin-nuqqas tad-Direttur. F'din l-*e-mail* is-segretarju eżekuttiv talab li l-iskrivana tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba Ms Mersia Mackay tidħol hi fir-responsabbiltà tal-librerija pubblika fin-nuqqas tal-librara, Ms Nathalie Azzopardi li kienet għadha kemm tat ir-riżenja tagħha. Is-segretarju eżekuttiv qal li s-Sur Debattista ċempillu lura u tah il-parir sabiex il-kunsill lokali ma jitlifx lil xi ħadd bħal Ms Nathalie Azzopardi minħabba l-ħlasijiet tal-bolla u talbu biex il-KLM jipperswadiha u tidħol lura għax-xogħol. Noel Galea qal illi tkellem ma' Ms Nathalie Azzopardi waqt li laqagħha fl-uffiċċju u ppruvaw isibu soluzzjoni, ħaġa li minħabba li l-ispiża tal-bolla u taxxa kienet il-problema, is-soluzzjoni ma waslitx. Għalhekk huwa tal-parir illi l-KLM japprova l-ħatra ta' Ms Mersia Mackay biex minn *part time* taqleb *full-time*, filwaqt li tibda hija stess tiftaħ il-librerija pubblika. Is-segretarju eżekuttiv qal li l-KLM tista' tinħoloqlu sitwazzjoni diffiċli jekk id-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi jirrifjuta li jagħtiha it-taħriġ neċessarju. Noel Galea qal li d-dipartiment dejjem aċċetta kull persuna li għażilna aħna u hekk għandu jkun din id-darba wkoll. Aħna jinteressana li l-librerija tibda taħdem. Sadanittant, Nicholas Briffa qal li huwa tal-parir illi minflok taħdem *full time*, jiżdiedulha l-ħinijiet tax-xogħol tagħha għal 30 siegħa fil-ġimgħa flok 20 siegħa bil-benefiċċji ta' *sick leave* u *vacation leave* pro-rata. Intant ġie deċiż illi tinkiteb ittra oħra lid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi li tagħmel referenza għal din il-laqgħa tal-KLM fejn jintalbu l-ħinijiet u l-ġranet fejn Ms Mersia Mackay tattendi għall-kors biex tibda tiftaħ hija stess l-10 siegħat li kienet tiftaħ fihom il-librerija tal-Imqabba, fuq il-kriterju msemmi mis-sindku li f'Ħal Safi il-librerija pubblika tiftaħ mill-impjegati tal-kunsill.

13. Dwar il-laqgħa pubblika il-KLM irċieva stima biex titwaqqaf it-tinda fis-27 ta' Jannar, 2012, liema spiża nħasset li hija għolja wisq. Dan minkejja li kienet ibbażata fuq tinda tad-daqs inqas minn dak

deċiż fis-seduta preċedenti, jiġifieri 8m x 8m u mhux 10m x 10m. Għaldaqstant, ġie deċiż li din il-laqgħa pubblika tinżamm fl-Isptar il-Qadim bħas-soltu, biss wara ssir bibita għal dawk preżenti.

14. Kienet approvata l-*payment approval sheet* numru 427 u Noel Galea talab li jiżdiedu magħha l-ħlas ta' €22,275.93 (*item 33*) għal parti mix-xogħlijiet ta' kisi bil-*pattenred concrete* lill-*Asfaltar Ltd* fi Triq il-Fjuri u l-isqaqien kif ukoll il-ħlas fuq stima ta' €3,000 (*item 32*) għal xogħlijiet ta' kisi mill-ġdid bil-*patterned concrete* ta' Sqaq Numru 2, Triq Santa Katerina, Mqabba. Dwar il-kont tal-Kumitat Konġunt taż-Żurrieq, is-segretarju eżekuttiv hu nfurmat illi dawn il-ħlasijiet qed jiġu fuqna minkejja li bħal issa ninsabu fil-*pooling* għaliex jappartjenu għal ċitazzjonijiet mismugħa quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja fiż-żmien tal-*pre pooling.* Is-sindku qal li s-sistema tidher se tkun waħda sostenibbli filwaqt li aktar kmieni l-ġimgħa l-oħra tħabbru xi tibdiliet bħal dawk tal-ħruġ tal-*warnings* lix-xufiera qabel ma jkunu mogħtija iċ-ċitazzjoni, jew aħjar *incremental fines.*

**Punti oħra.**

15. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv jirrispondi l-*memo* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-miżuri li ttieħdu din is-sena wara l-*management letter* tas-sena l-oħra li tawna l-udituri. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal illi hu kien irrisponda l-istess *management letter* f'Awissu li għadda u qed jiddraftja r-risposta lura bbażata fuq l-istess risposta li konna tajna f'Awissu. Intant hu talab l-approvazzjoni kif fil-fatt sar sabiex toħroġ l-offerta tal-latrina pubblika kif ukoll tal-Assikurazzjoni tal-KLM wara li kienu għamlu rimarki fuq dawn is-servizzi l-istess udituri f'dan il-kuntest.

16. Is-sindku qal illi huwa u Grace Marie Mallia attendew il-laqgħa għall-kunsillieri ta' Malta w' Għawdex li nżammet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar is-Sibt, 19 ta' Novembru, 2011 fil-Lukanda *Le Meridien Hotel & Spa.*

17. Is-segretarju eżekuttiv qal illi ingħatat it-tilqima tal-influwenza minn infermieri Mqabbin voluntieri mill-Isptar il-Qadim nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru, 2011 wara li hu kien mar għaliha fil-Klinika tal-Furjana. Dak in-nhar stess li ngħatat l-istess tilqima, ċeda saqaf żgħir ta' residenza biswit l-uffiċini tagħna fix-xita li għamlet dak in-nhar. Is-segretarju eżekuttiv kompla jgħid li tajjeb nagħtu każ l-istrutturi li hemm biswit, jiġifieri l-maħżen li qed nużaw bħala kunsill lokali, għaliex fil-kuridur ta' taħtu, illi jagħti għall-Berġa, jidher li hemm blajjet kollha ħażiż aħdar, indikazzjoni li dieħel l-ilma.

18. Is-segretarju eżekuttiv qal qal li bagħat l-ittra lis-Sur Hamilton, fejn il-KLM esprima is-sodisfazzjon tiegħu għar-riżultat li kiseb fil-kompetizzjoni tat-tpinġija biex ġie mniedi l-Maskot fil-Jum Dinji għall-Ambjent.

19. Is-segretarju eżekuttiv se jerġa' jfakkar lill-Amministrazzjoni tar-Residenza ta' San Vinċenz de Paule biex jgħaddulna l-lista tal-anzjani Mqabbin residenti hemm ġew ħalli ssir il-viżita proposta mill-kunsillieri u fl-istess ħin ikun ippreparat rigal għalihom.

20. *Grace Marie Mallia daħlet f'dan il-punt (20:25pm).

21. Dwar il-*quiz* li kull sena kien ikun organizzat għat-tfal tal-iskola fil-ġimgħa Mqabbija, is-sindku talab lil Grace Marie Mallia tard fil-laqgħa sabiex torganizzah hija stess. Il-kunsillier qalet illi peress li bħal issa hija mħabbta ħafna, se tkun tista' torganizzah fil-jiem tal-Karnival.

22. Is-sindku talab l-awtorizzazzjoni tal-kunsillieri sabiex jixtri xi affarijiet biex nagħmlu xi *hampers.* Din ġiet aċċettata minn dawk preżenti.

23. Dwar il-kotba li nxtraw biex jitqassmu lit-tfal tal-Iskola Primarja Mqabba, is-segretarju eżekuttiv kien mitlub mis-sindku sabiex il-kumpanija ġġibhomlna qabel il-mawra li se jagħmlu l-kunsillieri fit-22 ta' Diċembru 2011 fil-klassijiet. Dawn il-kotba kienu ordnati minn għand il-kumpanija *Animal Friends Sub-Culture Group* biex irawwmu mħabba lejn l-annimali.

24. Is-sindku semma l-laqgħa li kellna dan l-aħħar mal-kumpanija *Destination Malta* fejn qed jipproponu li jagħmlulna *website* li se tkun irreklamata ma' kullimkien fuq aspetti turistiċi. Il-KLM approva l-ammont ta' €295 inkluż il-VAT, u għandu l-intenzjoni li jesebixxi tmien ritratti fuq bażi *360 degrees* ta' dawn ix-*shots*: minn fuq il-kampnar, tal-katakombi, żewġ ritratti tal-Pjazza tal-Knisja, ta' San Bażilju, tat-Torri Vincenti u oħrajn.

25. Il-kotba l-ġodda li kienu għandna ġew meħuda għar-reġistrazzjoni fil-librerija pubblika filwaqt li dawk li kienu lesti nġabu fil-lokalità tagħna lesti biex jitpoġġew fuq l-ixkafef tal-librerija tal-Iskola.

26. Is-sindku rrefera għal-lokalità Taljana ta' *Melpignano*, li huwa kellu x-xorti li jżur dan l-aħħar fuq bażi personali. Din tinsab madwar sagħtejn 'l isfel minn *Bari* bil-karozza. Hu qiegħed jissuġġerixxi ġemellaġġ ma' din il-lokalità li għandha popolazzjoni ta' 2,300. Din il-lokalità għandha ġebla tixbaħ 'il dik Maltija u s-sindku qal sabiex jirnexxielna nġibu finanzjament, irid ikun hemm xi ħaġa komuni bejn il-lokalitaijiet ġemellati. Noel Galea qal illi dawn jiċċelebraw ukoll żewġ festi minkejja li m'għandhomx każini bħalma għandna aħna. Intant is-segretarju eżekuttiv qal li t-talba trid issir kemm lid-Dipartiment kif ukoll lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li għandha r-responsabiltajiet li tirrakkomanda hi lill-awtoritajiet kompetenti. Is-sindku qal li rridu wkoll nagħmlu kuntatt mal-*MEUSAC* dwar l-akkwist ta' fondi mill-UE biex dan il-ġemellaġġ iseħħ wara li ssir *study visit* uffiċjali. Il-kunsillieri qablu ma' din l-ideja u ser jintbagħtu t-talbiet tagħna biex jinbeda l-proċess.

27. Is-segretarju eżekuttiv talab sabiex il-KLM japprovalu t-trasferiment ta' akkumulu ta' *vacation leave* li fadallu minn din is-sena biex jgħaddi għas-sena d-dieħla. Il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni u ser issir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

28. Is-segretarju eżekuttiv qal li l-kotba għal jum il-premjazzjoni li se ssir nhar l-20 ta' Diċembru, 2011 fl-Iskola Primarja tal-Imqabba intbagħtu l-iskola għal lest u se jingħataw lill-istudenti Duane Grech u lil Maria Abdilla, li inċidentalment kienu ppreżentaw is-serata Ġieħ l-Imqabba 2011.

29. Dwar iż-żjara li se ssir biex persuni jaraw il-presepji, Grace Marie Mallia issuġġeriet li mmorru naraw dak magħmul bil-melħ ta' *Caltagirone*. Għaldaqstant, peress li se nkunu fl-*MFCC*, f'Ta' Qali, se nippruvaw naraw xi presepji li jridu jkunu identifikati fl-inħawi ta' Ħal Balzan, eċċ. Il-prezz se jkun ta' €2.

30. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-20 ta' Diċembru, 2011 fl-istess ħin u post filwaqt li din intemmet fid-20:45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*_17/01/2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |